| Il-Gujana | | | | | | | | | DS | | | | | | | | | | | | | | |
| Il-Ġeorġja | | | | | | | | | | | | | DS | | | | | | | | | | |
| L-Indja | | | DS | D | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

| | BNL | CZ | DK | D | EE | EL | E | F | I | CY | LV | LT | HU | MT | A | PL | P | SI | SK | FIN | S | ISL | N |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-Iran | | | | | | | | | | DS | | | D | | | D | | | | | | | |
| Il-Ġamajka | DS | | | D | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Il-Każakastan | | | | | | | | | | | | | DS | | | | | | | | | | |
| Il-Kenja | | | | D | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Il-Kuwajt | | | | | | | | | DS | | | | | | | | | | | | | | |
| Il-Kirgiżtan | | | | | | | | | | | | | DS | | | | | | | | | | |
| Il-Laos | | DS | | | | | | | | | | | DS | | | DS | | | | | | | |
| Il-Lesoto | | | | | | | | | DS | | | | | | | | | | | | | | |
| Il-Malawi | DS | | | D | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Il-Maldive | | | | | | | | | | | | | | | DS | | | | | | | | |
| Il-Marokk | DS | DS | | D | | DS | D | D | DS | | | | DS | | DS | DS | DS | | DS | | | | DS |
| Il-Mawritanja | | | | | | | | | DS | | | | | | | | | | | | | | |
| Il-Moldova | | | | | | | | | | DS | | D | DS | | | | | | | | | | |
| Il-Mongolja | | DS | | | | | | | | | | | DS | | | | | | | | | | |
| Il-Możambik | | | | | | | | | | | | | | | | | DS | | | | | | |

| | BNL | CZ | DK | D | EE | EL | E | F | I | CY | LV | LT | HU | MT | A | PL | P | SI | SK | FIN | S | ISL | N |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| In-Namibja | | | | D | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| In-Niġer | | | | | | | | | DS | | | | | | | | | | | | | | |
| Il-Pakistan | DS | DS | DS | D | | | | | | | | | | | DS | | | | DS | DS | | DS | DS |
| Il-Peru' | | DS | | D | | DS | DS | DS | DS | | | | DS | | DS | DS | | | D | DS | | | |
| Il-Filippini | | DS | DS | DS | | DS | DS | | DS | | | | DS | | DS | DS | | DS | | DS | DS | | DS |
| Il-Federazzjoni Russa | | | | | | | | | | DS | | | DS | | | | | | | | | | |
| Is-São Tomé u Príncipe | | | | | | | | | | | | | | | | | DS | | | | | | |
| Is-Senegal | D | | | DS | | | | D | DS | | | | | | DS | | | | | | | | |
| Is-Seychelles | | | | | | | | | | | | | DS | | D | | | | | | | | |
| L-Afrika t'Isfel | | DS | | D | | DS | | | | | | | DS | | DS | DS | DS | DS | | | | DS | DS |
| Is-Sważiland | | | | | | | | | DS | | | | D | | | | | | | | | | |
| It-Taġikistan | | | | | | | | | | | | | DS | | | | | | | | | | |

| | BNL | CZ | DK | D | EE | EL | E | F | I | CY | LV | LT | HU | MT | A | PL | P | SI | SK | FIN | S | ISL | N |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| It-Tajlandja | DS | DS | DS | DS | | DS | | | DS | | | | DS | | DS | DS | | | | DS | DS | | DS |
| It-Togo | | | | | | | | | DS | | | | | | | | | | | | | | |
| It-Trinidad u Tobago | | | | | | | | | | | | | | | DS | | | | | | | | |
| It-Tuniżija | DS | DS | | D | | DS | D | D | DS | | | | DS | | DS | DS | DS | | | | | | |
| It-Turkija | DS | DS | DS | DS | D | DS | DS | DS | DS | | D | DS | DS | | DS | DS | D | DS | DS | DS | DS | DS | DS |
| It-Turkmenistan | | | | | | | | | | | | | DS | | | | | | | | | | |
| L-Uganda | | | | | | | | | DS | | | | | | | | | | | | | | |
| L-Ukraina | | | | | D | | | | | | D | DS | | | | | | | | | | | |
| L-Uzbekistan | | | | | | | | | | | | | D | | | | | | | | | | |
| Il-Vjetnam | | D | | | | | | | | | | | DS | | | | | | | | | | |
| Is-Samoa tal-Punent | | | | | | | | | DS | | | | | | | | | | | | | | |
| Il-Jemen | | DS | | | | | | | | | | | D | | | | | | | | | | |
| Iż-Żimbabwe | | | | | | DS | | | | | | | | | | | | | | | | | |

DS: Persuni li għandhom passaport diplomatiku jew tas-servizz huma eżenti mill-ħtieġa ta’ viża.

D: Fil-każ biss ta’ persuni li għandhom passaport diplomatiku huma eżenti mill-ħtieġa ta’ viża"

(ċ) Fl-Anness 2, l-Iskeda B tinbidel b'dan li ġej:

"Skeda B

Pajjiżi li ċ-ċittadini tagħhom huma soġġetti għall-ħtieġa ta' iża f'wieħed jew aktar mill-Istati ta' Schengen meta jkollhom passaport diplomatiku, uffiċjali jew ta' servizz, iżda li MHUMIEX soġġetti għal din il-ħtieġa meta jkollhom passaport ordinarju

| | BNL | DK | D | EE | EL | E | F | I | A | P | SK | FIN | S | ISL | N |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-Awstralja | | | | | | | | | | | X * | | | | |
| Iċ-Ċili' | | | | X | | | | | | | | | | | |
| L-Iżrael | | | | | | | X | | | | | | | | |
| Il-Messiku | | | | | | | | | | | | | | X | |
| L-Istati Uniti ta' l-Amerika | | | | | X | X * | X * | | | | | | | | |

* Jekk il-persuna qed tivvjaġġa fuq xogħol uffiċjali";

(d) Fl-Ewwel Parti ta' l-Anness 3, in-nota 2 f'qiegħ il-paġna tinbidel b'dan li ġej:

"Għall-pajjiżi tal-Benelux, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Spanja, Franza, l-Ungerija u s-Slovakkja

Il-persuni li ġejjin għandhom ikunu eżenti mill-ħtieġa tal-VTA:

– persuni li għandhom passaport diplomatiku u ta' servizz"

"Għas-Slovenja

Il-persuni li ġejjin għandhom ikunu eżenti mill-ħtieġa tal-VTA:

– persuni li għandhom passaport diplomatiku u tas-servizz
– membri ta' l-ekwipaġġ li huma ċittadini ta' xi Parti Kontraenti tal-Konvenzjoni ta' Chicago ICAO."

(e) Fl-Ewwel Parti ta' l-Anness 3, in-nota 3 ta' qiegħ il-paġna tinbidel b'dan li ġej:

"Għall-Ġermanja u Ċipru

Il-persuni li ġejjin għandhom ikunu eżenti mill-ħtieġa tal-VTA:

- persuni li għandhom passaport diplomatiku u ta' servizz.

Għall-Polonja

Il-persuni li ġejjin għandhom ikunu eżenti mill-ħtieġa tal-VTA:

- persuni li għandhom passaport diplomatiku."

(f) Fit-Tieni Parti ta' l-Anness 3, il-lista tinbidel b'dan li ġej:

"IT-TIENI PARTI

Lista konġunta ta' pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom huma soġġetti għall-ħtieġa ta' viża ta' transitu mill-ajruport minn xi Stati ta' Shengen biss, kif huma soġġetti għal din il-ħtieġa wkoll persuni li għandhom dokumenti ta' l-ivjaġġar maħruġa minn dawn il-pajjiżi terzi.

| | BNL[2] | CZ | DK | D | EE[4] | EL | E[3] | F[4] | I[5] | CY | LT | HU | A[1] | PL | P | FIN | S | ISL | N |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-Albanija | | | | | | | | X | | | | | | | | | | | |
| L-Angola | X | | | X | X | X | X | X | | | | | | | | | | | |
| Il-Kamerun | | | | | | | | | | | | X | | | | | | | |

| | BNL[2] | CZ | DK | D | EE[4] | EL | E[3] | F[4] | I[5] | CY | LT | HU | A[1] | PL | P | FIN | S | ISL | N |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Kongo | | | | | | | | | | | | X | | | | | | | |
| Il-Kosta ta' l-Ivorju | | | | | X | | X | | | | | | | | | | | | |
| Kuba | | | | | | | X | | | | | | | | | | | | |
| L-Eġittu | | | | | | | | X[7] | | | | | | | | | | | |
| Il-Gambja | | | | X | | | | | | | | | | | | | | | |
| Il-Ginea | X | | | | | | | X | | | | X | | | | | | | |
| Il-Ginea-Bissaw | | | | | | | X | | | | | | | | | | | | |
| Il-Ħaiti | | | | | X | | | X | | | | | | | | | | | |
| L-Indja | | | X[8] | X[6] | | X | X | X[6] | | | | | | X | | | | | |
| L-Indoneżja | | | | | | | | | | | | | | | X | | | | |
| Il-Ġordan | | | | X | | | | | | | | | | | | | | | |
| Il-Libanu | | | | X | ~~X~~ | | | X[7] | | | | X | | | | | | | |
| Il-Liberja | | | | | X | | X | X | | | | X | X | | X | | | | |

| | BNL[2] | CZ | DK | D | EE[4] | EL | E[3] | F[4] | I[5] | CY | LT | HU | A[1] | PL | P | FIN | S | ISL | N |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Libja | | | | | X | | | X | | | | | | | | | | | |
| Il-Mali | | | | | X | | X | | | | | | | | | | | | |
| Il-Marijanas tat-Tramuntana | | | | | | | | | | | | X | | | | | | | |
| Il-Filippini | | | | | | | | | | | | X | | | | | | | |
| Ir-Rwanda | | | | | | | | | | | | X | | | | | | | |
| Is-Senegal | | | | | X | | | | X | | | X | | | X | | | | |
| Is-Sierra Leone | | | | | X | | X | X | | | | X | | | | | | | |
| Is-Sudan | X | | | X | X | X | | X | | | | X | | X | | | | | |
| Is-Sirja | X | X[4] | | X | X | X | | X[9] | | | | X | | | | | | | |
| It-Togo | | | | | X | | X | | | | | | | | | | | | |
| It-Turkija | | | | X[6] | | X | | | | X | | | | X | | | | | |
| Il-Vjetnam | | | | | | | | | | | | | | X | | | | | |

1. Persuni barranin li huma soġġetti għall-obbligazzjoni ta' viża ta' transitu ma għandhomx bżonn ta' viża ta' transitu ta' l-ajruport (VTA) sakemm ikollhom wieħed mid-dokumenti li ġejjin li huwa validu għat-tul ta' żmien meħtieġ għat-transitu:
   – permess ta' residenza maħruġ mill-Andorra, il-Ġappun, il-Kanada, Monako, San Marino, l-Isvizzera, is-Santa Sede jew l-Istati Uniti ta' l-Amerika li jiggarantixxi id-dritt ta' ritorn;
   – viża jew permess ta' residenza maħruġ minn xi Stat ta' Schengen li għalih daħal fis-seħħ il-Ftehim ta' Adeżjoni;
   – permess ta' residenza maħruġ minn xi Stat Membru taż-ŻEE.
2. Huwa biss meta ċ-ċittadini ma għandhomx permess ta' residenza validu għall-Istati membri taż-ŻEE, l-Istati Uniti jew il-Kanada. Persuni li għandhom passaport diplomatiku, ta' servizz jew speċjali huma eżenti wkoll.
3. Persuni li għandhom passaport diplomatiku, uffiċjali u ta' servizz mhumiex soġġetti għall-ħtieġa tal-VTA. L-istess jgħodd għal persuni li għandhom passaporti ordinarji li jirresjedu f'xi Stat Membru taż-ŻEE, l-Istati Uniti jew il-Kanada, jew għandhom viża tad-dħul valida għal xi wieħed minn dawn il-pajjiżi.
4. Il-persuni li ġejjin għandhom ikunu eżenti mill-ħtieġa tal-VTA:
   – persuni li għandhom passaport diplomatiku u tas-servizz"
   – persuni li għandhom xi wieħed mill-permessi ta' residenza mniżżla fit-Tielet Parti;
   – membri ta' l-ekwipaġġ li huma ta' ċittadini ta' xi Parti Kontraenti tal-Konvenzjoni ta' Chicago.
5. Biss meta ċ-ċittadini ma għandhomx permess ta' residenza validu għall-Istati Membri taż-ŻEE, l-Istati Uniti jew il-Kanada.

6. Biss meta ċ-ċittadini ma għandhomx viża jew permess ta’ residenza validu għal xi Stat Membru ta’ l-UE jew ta’ xi Stat parti mill-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea tat-2 ta’ Mejju 1992, il-Kanada, l-Isvizzera jew l-Istati Uniti.
7. Fil-każ biss ta’ persuni li għandhom id-dokument ta’ l-ivvjaġġar għar-refuġjati Palestinjani.
8. Ċittadini Indjani mhumiex soġġetti għall-ħtieġa tal-VTA jekk ikollhom passaport diplomatiku jew ta’ servizz.

   Ċittadini Indjani huma wkoll mhux soġġetti għall-ħtieġa tal-VTA jekk ikollhom viża jew permess ta’ residenza validu għal xi pajjiż ta’ l-UE jew taż-ŻEE jew għall-Kanada, l-Isvizzera jew l-Istati Uniti. Barra minnhekk, ċittadini Indjani mhumiex soġġetti għall-ħtieġa tal-VTA jekk ikollhom permess ta’ residenza validu għall-Andorra, il-Ġappun, Monako jew San Marino kif ukoll permess għad-dħul mill-ġdid fil-pajjiż ta’ residenza tagħhom validu għal tliet xhur wara t-transitu mill-ajruport tagħhom.

   Wieħed għandu jinnota li l-eċċezzjoni fir-rigward ta’ ċittadini Indjani li għandhom permess ta’ residenza validu għall-Andorra, il-Ġappun, Monako jew San Marino tidħol fi-seħħ fid-data ta’ l-integrazzjoni tad-Danimarka fil-Koperazzjoni ta’ Schengen, jiġifieri fil-25 ta’ Marzu 2001.
9. Anke għal persuni li għandhom id-dokument ta’ l-ivvjaġġar għar-refuġjati Palestinjani."

(g) Fl-Anness 7, dan li ġej jidħol bejn l-iskrizzjonijiet għall-Belġju u d-Danimarka:

"IR-REPUBBLIKA ĊEKA

L-ammonti ta' referenza huma ffissati mill-Att Nru. 326/1999 Sb. dwar ir-Residenza ta' Persuni Barranin fit-Territorju tar-Repubblika Ċeka u l-Emendi ta' Xi Atti.

Skond is-Sezzjoni 5 ta' l-Att dwar Ir-Residenza ta' Persuni Barranin fit-Territorju tar-Repubblika Ċeka fuq talba tal-Pulizija, persuna barranija għandha tkun obbligata li tissottometti dokument li jikkonferma li hemm fondi disponibbli għal waqfa tiegħu/tagħha fit-Territorju (Sezzjoni 13) jew stedina iċċertifikata ta' anqas minn 90 jum mid-data ta' meta ġiet iċċertifikata mill-Pulizija (Sezzjonijiet 15 u 180),

Sezzjoni 13 tistipula dan li ġej:

"Fondi biex Ikopru l-Waqfa fit-Territorju

(1) Sakemm ma jkunx stipulat xort'oħra hawn taħt, dawn li ġejjin għandhom ikuni sottomessi sabiex jippruvaw id-disponibbilità ta' fondi għall-waqfa fit-Territorju:

a) fondi li jammontaw għallinqas għal dan li ġej:

– 0.5 drabi daqs is-subsistence minima stipulata f'regolament legali speċjali kif meħtieġ biex tkopri l-manteniment u bżonnijiet personali bażiċi oħra (minnhawn 'l hemm "is-Subsistence Minima Ġħal-Bżonnijiet Personali") għal kull jum tal-waqfa jekk il-perijodu totali tal-waqfa ma jkunx ser jaqbeż it-30 jum,

– 15-il darba daqs is-Subsistence Minima għal Bżonnijiet Personali jekk il-perijodu tal-waqfa fit-Territorju jkun ser jaqbeż it-30 jum u din is-somma għandha tiżdied għad-doppju tas-subsistence minima għal kull xahar sħiħ ta' kemm il-waqfa fit-Territorju tkun mistennija ddum,

– 50 darba daqs is-Subsistence Minima għal Bżonnijiet Personali f'każ ta' waqfa għal skopijiet ta' attività ta' negozju li l-perijodu totali tagħha jkun ser jaqbeż id-90 jum, jew

– dokument li jikkonferma l-pagament ta' servizzi li għandhom x'jaqsmu mal-waqfa tal-persuna barranija fit-Territorju jew xi dokument li jikkonferma li ser jkunu provduti servizzi mingħajr ħlas.

(2) Minflok il-fondi li hemm referenza għalihom fis-sub-sezzjoni 1, dawn li ġejjin jistgħu jintużaw biex jipprovaw id-disponibbiltà ta' fondi għall-waqfa fit-Territorju:

a) dokument ta' kont bankarju f'isem il-persuna barranija li jikkonferma li l-persuna barranija tista' tagħmel użu b'mod liberu mill-fondi għall-ammonti kif imsemmija fis-sub-sezzjoni 1 matul il-waqfa tiegħu fir-Repubblika Ċeka; jew

b) dokument ieħor li jiċċertifika lli l-fondi huma disponibbli, bħalma hija karta ta' kreditu valida rikonoxxuta internazzjonalment.

(3) Persun barranija li tkun ser jistudja fit-Territorju tista' tissottometti, bħala prova li hemm fondi disponibbli għall-waqfa tiegħha, impenn minn xi awtorita' statali jew entita' legali li jkopru l-waqfa tal-persuna barranija billi jipprovdu fondi ekwivalenti għas-Subsistence Minima għal Bżonnijiet Personali għal xahar tal-waqfa mistennija, jew xi dokument li jikkonferma li l-ispejjeż kollha relatati ma' l-istudji u l-waqfa għandhom ikunu koperti mill-organizzazzjoni (skola) li tkun ser iżżommha. Jekk is-somma msemmija fid-dikjarazzjoni ma tlaħħaqx għal dan l-ammont, il-persuna barranija għandha tkun obbligata tissottometti dokument li jipprova li għandha tagħha fondi ekwivalenti għad-differenza bejn is-Subsistence Minima għal Bżonnijiet Personali u l-ammont ta' l-impenn għall-perijodu ta' kemm tkun mistennija ddum il-waqfa, iżda mhux aktar minn 6 darbiet is-Subsistence Minima għal-Bżonnijiet Personali. Id-dokument dwar il-proviżjoni ta' mezzi għar-residenza tal-persuna jista' jinbidel b'deċiżjoni jew ftehim dwar l-allokazzjoni ta' għotja akkwistata bi qbil ma' xi trattat internazzjonali li jorbot fuq ir-Repubblika Ċeka.

(4) Persuna barranija li għad ma għalqitx it-18-il sena għandha tkun obbligata tipprova li hemm fondi disponibbli għall-waqfa tagħha ekwivalenti għal nofs l-ammont skond is-sub-sezzjoni 1."

u Sezzjoni 15 tistipula dan li ġej:

"Stedina

Fi stedina, il-persuna li qed tistieden persuna barranija għandha tobbliga ruħha li tkopri l-ispejjeż:

a) li għandhom x'jaqsmu mal-manteniment tal-persuna barranija matul il-waqfa tagħha fit-territorju sakemm tħalli t-Territorju,

b) li għandhom x'jaqsmu ma' l-akkomodazzjoni tal-persuna barranija matul il-waqfa tagħha fit-territorju sakemm tħalli t-Territorju,

(ċ) li għandhom x'jaqsmu mal-provvediment ta' kura tas-saħħa lill-persuna barranija matul il-waqfa tagħha fit-Territorju sakemm tħalli t-Territorju, u mat-trasferiment tal-persuna barranija f'każ ta' mard jew il-katavru f'każ ta' mewt,

(d) li jsiru mill-Pulizija fir-rigward ta' persuna barranija li tkun fit-Territorju u li tħalli t-Territorju f'każ ta' tkeċċija amministrattiva.""

u, bejn l-iskrizzjonijiet għall-Ġermanja u l-Greċja:

"L-ESTONJA

Skond il-liġi ta' l-Estonja, persuni barranin li jaslu l-Estonja mingħajr ittra ta' stedina, fuq talba ta' xi gwardja uffiċjali tal-fruntiera, għandhom jipprovdu evidenza meta jidħlu fil-pajjiż li għandhom mezzi finanzjarji biżżejjed biex ikopru l-ispejjeż tal-mawra tagħhom fl-Estonja u għal meta jħalluha. Mezzi finanzjarji biżżejjed għall kull jum permess huma kkonsidrati li huma 0.2 darbiet is-salarju minimu fix-xahar implimentatati mill-Gverntar-Repubblika.

Inkella, min qiegħed jistieden għandu jassumi r-responsabbiltà għall-ispejjeż tal-waqfa tal-persuna barranija fl-Estonja u għat-tluq tagħha mill-Estonja.

u, bejn l-annotazzjonjiet għall-Italja u l-Lussemburgu:

"ĊIPRU

Skond ir-Regolamenti dwar il-Persuni Barranin u l-Immigrazzjoni (ir-Regolament (9(2)(B)) id-dħul ta’ persuni barranin għal waqfa temporanja fir-Repubblika tiddependi fuq il-poter diskrezzjonarju ta’ l-uffiċjali ta’ l-immigrazzjoni fuq il-fruntiera, li huwa eżerċitat skond l-istruzzjonijiet ġenerali jew speċifiċi tal-Ministru ta’ l-Intern jew skond id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti msemmija hawnfuq. L-uffiċjali ta’ l-immigrazzjoni fuq il-fruntieri jiddeċiedu dwar id-dħul skond kull każ, b’kunsiderazzjoni għall-iskop u t-tul tal-waqfa, għal xi reservazzjonijiet ta’ lukandi li setgħu saru jew għall-ospitalità minn persuni li normalment jirrisjedu f’Ċipru.

IL-LATVJA

L-Artikolu 81 tar-Regolament tal-Kabinett tal-Ministri Nru. 131 tas-6 ta’ April 1999, kif emendat bir-Regolament tal-Kabinett tal-Ministri Nru. 124 tad-19 ta’ Marzu 2002, jistipula li fuq talba ta’ xi uffiċjal tal-Gwardja Statali tal_Fruntiera, persuna barranija jew persuna apolida għandha tippreżenta d-dokumenti imsemmija fis-sub-paragrafi 67.2.2 u 67.2.8 ta’ dawn ir-Regolamenti:

"67.2.2. voucher għal xi health resort jew għall-ivjaġġar ikkonfermat skond il-liġijiet regolatorji tar-Repubblika tal-Latvja, jew xi carnet ta' turista ppreparat skond xi mudell speċifiku u maħruġ mill-Alleanza tat-Turiżmu Internazzjonali (ATI);

67.2.8. biex tinkiseb viża għal dħul wieħed:

67.2.8.1. traveller's cheques fil-munita konvertibbli jew flus kontanti fi LVL jew f'munita konvertibbli li tikkorispondi għal LVL 60 għal kull jum; jekk il-persuna tippreżenta id-dokumenti li jippruvaw il-ħlas li jkun diġa sar għal post ta' akkomodazzjoni ċertifikat għat-tul kollu tal-mawra tagħha - traveller's cheques fil-munita konvertibbli jew flus kontanti fi LVL jew f'munita konvertibbli li tikkorispondi għal LVL 25 għal kull jum;

67.2.8.2. dokument li jiċċertifika r-riservazzjoni ta' post ta' akkomodazzjoni ċertifikat;

67.2.8.3. biljett bir-ritorn b'dati fissi."

Il-LITWANJA

Skond l-Artikolu 7(1) tal-Liġi Litwana dwar l-Istatut Legali ta' Persuni Barranin, persuna barranija ma għandhiex titħalla tidħol fir-Repubblika tal-Litwanja jekk ma tkunx tista' tipprova li għandha fondi biżżejjed għall-waqfa tagħha fir-Republika tal-Litwanja, vjaġġ bir-ritorn għal pajjiżha jew biex ikompli lejn pajjiż ieħor fejn għandħa d-dritt tidħol.

Madankollu ma hemm l-ebda ammonti ta' riferenza għal dan ta' hawn fuq. Id-deċiżjonijiet jittieħdu skond kull każ u jiddependu mill-għan, ix-xorta u t-tul tal-waqfa."

u, bejn l-iskrizzjonijiet għal-Lussemburgu u l-Olanda:

"L-UNGERIJA

Ammont ta' riferenza huwa speċifikat fil-leġislazzjoni li tikkontrolla lill-persuni barranin: skond id-Digriet Nru. 25/2001. (XL.21.) tal-Ministru ta' l-Intern, is-somma ta' mill-anqas HUF 1000 hija attwalment meħtieġa għal kull dħul.

Skond l-Artikolu 5 ta' l-Att dwar il-Persuni Barranin (l-Att Nru. XXXIX ta' l-2001 dwar id-Dħul u l-Waqfa ta' Persuni Barranin), il-mezzi ta' subsistence meħtieġa għad-dħul u l-waqfa jistgħu jkunu ċertifikati bil-preżentazzjoni ta':

– il-munita Ungeriża jew munita barranija jew mezzi ta' ħlas mhux fi flus (per eżempju, cheque, karta ta' kreditu eċċ.),

– ittra ta’ stedina valida maħruġa minn xi ċittadin Ungeriż, xi persuna barranija li għandha permezz ta’ residenza jew permess li tissetilja jew xi enti legali jekk il-persuna li tistieden lill-persuna barranija tiddikjara li tkopri l-ispejjeż ta’ l-akkomodazzjoni, l-alloġġ, il-kura tas-saħħa u r-ritorn (ripatrijazzjoni). Il-kunsens uffiċjali ta’ l-awtorità li tikkontrolla lill-persuni barranin għandu jkun mehmuż ma’ l-ittra ta’ stedina,

– konferma ta’ l-akkomodazzjoni u l-alloġġ riservati u mħallsa bil-quddiem permezz ta’ aġenzija ta’ l-ivvjaġġar (voucher),

– kull xorta ta’ prova kredibbli oħra.

MALTA

Hija l-prattika li jiġi żgurat li persuni li jidħlu Malta jkollhom ammont minimu ta’ MTL20 (EUR 48) għal kull jum matul il-mawra tagħhom."

u, bejn l-iskrizzjonijiet għall-Awstrija u l-Portugall:

"IL-POLONJA

L-ammonti meħtieġa biex jinqasmu l-fruntieri huma determinati fl-Ordinanza tal-Ministru ta' l-Affarijiet Interni u l-Amministrazzjoni ta' l-20 ta' Ġunju 2002 dwar l-ammont tal-mezzi biex ikopru l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mad-dħul, it-transitu, il-waqfa u t-tluq ta' persuni barranin li jaqsmu l-fruntiera tar-Repubblika tal-Polonja u r-regoli dettaljati dwar id-dokumentazzjoni li tipprova il-possessjoni ta' dawn il-mezzi - Dz.U.2002, Nru. 91, poz. 815).

L-ammonti indikati fir-regolament ta' hawnfuq huma kif ġej:

– PLN 100 għal kull jum tal-waqfa għal persuni ta' 'l fuq minn 16-il sena, iżda mhux anqas minn 500 PLN,

– PLN 50 għal kull jum tal-waqfa għal persuni ta' taħt is-16-il sena, iżda mhux anqas minn 300 PLN,

– PLN 20 għal kull jum tal-waqfa, iżda mhux anqas minn 100 PLN, għal persuni li jipparteċipaw fi vjaġġi turistiċi, f'kampijiet għaż-żgħażagħ, f'kompetizzjonijiet sportivi jew li għandhom l-ispejjeż għall-waqfa fil-Polonja koperti jew li jaslu fil-Polonja għal xi trattament tas-saħħa f'xi sanatorju,

– PLN 300 għal persuni ta' 'l fuq minn 16-il sena, li l-waqfa tagħhom fil-Polonja ma taqbiżx tliet ijiem (inkluż it-transitu),

– PLN 150 għal persuni ta' taħt is-16-il sena, li l-waqfa tagħhom fil-Polonja ma taqbiżx tliet ijiem (inkluż it-transitu),"

u, bejn l-iskrizzjonijiet għall-Portugall u l-Finlandja:

"IS-SLOVENJA

EUR 70 għal kull persuna għal kull jum tal-waqfa ppjanata.

IS-SLOVAKKJA

Skond l-Artikolu 4(2)(ċ) ta’ l-Att Nru. 48/2002 Z. z. dwar il-Waqfien ta’ Persuni Barranin, persuna barranija hija obbligata, meta mitluba, li tipprova li għandha ammont finanzjarju għall-waqfa, f’munita konvertibbli, li jammonta għal mill-anqas nofs il-paga minima li hemm fl-Att Nru. 90/1996 Z. z. dwar il-paga minima, kif emendat, għal kull jum tal-waqfa; persuna barranija ta’ taħt is-16-il sena hija obbligata tipprova li għandha l-mezzi finanzjarji għall-waqfa li jammontaw għal nofs ta’din.";

(h) Fl-Anness għall-Anness 8, il-punt 3 jinbidel b'dan li ġej:

"3. Il-logo li jikkonsisti f'ittra jew ittri li jindikaw l-Istat Membru li joħroġhom (jew "BNL" fil-każ tal-pajjiżi tal-Benelux, jiġifieri l-Belġju, il-Lussemburgu u l-Olanda) b'effett ta' immaġni moħbija għandu jidher f'dan li-ispazju. Dan il-logo għandu jidher ċar meta miżmum ċatt u skur meta mdawwar b'90°. Il-logos li ġejjin għandhom jintużaw: A għall-Awstrija, BNL għall-Benelux, Cy għal Ċipru, CZE għar-Repubblika Ċeka, D għall-Ġermanja, DK għad-Danimarka, E għal Spanja, EST għall-Estonja, F għal Franza, FIN għall-Finlandja, GR għall-Greċja, H għall-Ungerija, I għall-Italja, IRL għall-Irlanda, LT għal-Litwanja, LVA għal-Latvja, M għal Malta, P għall-Portugall, PL għall-Polonja, S għall-Isvezja, SK għas-Slovakkja, SVN għas-Slovenja, UK għar-Renju Unit".

2. 32001 R 0539: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 539/2001 tal-15 ta' Marzu 2001 li jniżżel il-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom fuqhom viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk li l-ċ-ċittadini tagħhom huma eżentati minn dik il-ħtieġa (ĠU L 81, 21. 03.2001, p.1), kif emendata bi:

– 32001 R 2414: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2414/2001 tas-7.12.2001 (ĠU L 327, 12.12.2001, p. 1).

Fl-Anness II(1), jitħassru l-iskrizzjonijiet li ġejjin:

"Ċipru",
"Ir-Repubblika Ċeka",
"L-Estonja",
"L-Ungerija",
"Il-Latvja",
"Il-Litwanja",
"Malta",
"Il-Polonja",
"Is-Slovakkja",
"Is-Slovenja".

Ċ. FRUNTIERI ESTERNI

1. 41998 D 0059: Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Diċembru 1998 dwar l-iskjerament kordinat ta' konsulenti tad-dokumenti (SCH/Com-ex (98) 59 rev.) (ĠU L 239, 22.9.2000, p. 308),

Fid-Dokument anness SHI/I-quddiem (98) 184 rev 3, il-lista "I-Għażla ta' postijiet attwalment meqjusa xierqa għal assignments ta' konsulenti tad-dokumenti" tinbidel b'dan li ġej:

"Abbażi ta' evalwazzjoni tas-sitwazzjoni attwali, ir-rappresentazzjonijiet konsulari u/jew l-uffiċji baranin ta' kumpanniji ta' l-ajru u tal-vapuri fil-postijiet li ġejjin huma meqjusa xierqa in prinċipju għall-assignments tal-konsulenti tad-dokument (il-lista tiġi aġġornata fejn ikun meħtieġ):

– Abidjan (il-Kosta ta' l-Ivorju)
  Kumpanniji ta' l-Ajru
  Rappreżentazzjonijiet: Franza, il-Portugall

– Abu Dhabi (l-Emirati Għarab Magħquda)
  Ajruport ta' transitu importanti għat-titjiriet lejn l-Ewropa, għalhekk il-konsulenza u t-taħriġ għandu jkun b'mod partikolari għall-benefiċċju tal-kumpanniji ta' l-ajru

– Accra (il-Gana)
  Kumpanniji ta' l-Ajru

– Ankara (it-Turkija)
  Kumpanniji ta' l-Ajru

– Bamako (il-Mali)
  Kumpanniji ta' l-Ajru
  Rappreżentazzjonijiet: Franza

– Bangkok (it-Tajlandja)
  Kumpanniji ta' l-Ajru

– Beirut (il-Libanu):

Kumpanniji ta’ l-Ajru

Kumpanniji tal-Vapuri

Rappreżentazzjonijiet: Ċipru

– Bissau (il-Ginea-Bissaw)

Kumpanniji ta’ l-Ajru

Rappreżentazzjonijiet: Il-Portugall

– Brazzaville (il-Kongo)

Kumpanniji ta’ l-Ajru

Rappreżentazzjonijiet: Franza

– il-Kajr (l-Eġittu):

Kumpanniji ta’ l-Ajru

Kumpanniji tal-Vapuri

Rappreżentazzjonijiet: Ċipru

– Casablanca (il-Marokk)

Kumpanniji ta’ l-Ajru

Rappreżentazzjonijiet: Spanja

– Colombo (is-Sri Lanka)

Kumpanniji ta’ l-Ajru

Rappreżentazzjonijiet: Franza

– Dacca (il-Bangladexx)
  Kumpanniji ta' l-Ajru
  Rappreżentazzjonijiet: Franza

– Dakar (is-Senegal)
  Kumpanniji ta' l-Ajru
  Rappreżentazzjonijiet: Franza, il-Portugall, Spanja

– Damasku (is-Sirja):
  Kumpanniji ta' l-Ajru
  Rappreżentazzjonijiet: Ċipru

– Douala (il-Kamerun)
  Kumpanniji ta' l-Ajru
  Rappreżentazzjonijiet: Franza

– Dubai (L-Emirati Għarab Magħquda)
  Ajruport ta' transitu importanti għat-titjiriet lejn l-Ewropa, li jfisser li l-konsulenza u t-taħriġ għandhom ikunu ta' benefiċċju partikolari għall-kumpanniji ta' l-ajru

– Haiti
  Kumpanniji ta' l-Ajru
  Rappreżentazzjonijiet: Franza

– Ho Chi Minh City (il-Vjetnam)
Kumpanniji ta’ l-Ajru
Rappreżentazzjonijiet: Franza

– Hong Kong
Kumpanniji ta’ l-Ajru
Rappreżentazzjonijiet: Franza

– Islamabad (il-Pakistan)
Kumpanniji ta’ l-Ajru
Rappreżentazzjonijiet: Spanja

– Istanbul (it-Turkija)
Kumpanniji ta’ l-Ajru
Rappreżentazzjonijiet: Spanja

– Karachi (il-Pakistan)
Kumpanniji ta’ l-Ajru
Rappreżentazzjonijiet: il-Ġermanja (konsulenza u taħriġ intensivi huma mixtieqa)

– Kiev (l-Ukraina)
Rappreżentazzjonijiet: Il-Portugall

– Kuwait
Kumpanniji ta’ l-Ajru

– Lagos (in-Niġerja)

Kumpanniji ta’ l-Ajru

Rappreżentazzjonijiet: il-Ġermanja, Franza, Spanja.

– Lima (il-Peru')

Kumpanniji ta’ l-Ajru

Rappreżentazzjonijiet: Spanja

– Luanda (l-Angola)

Kumpanniji ta’ l-Ajru

Rappreżentazzjonijiet: Il-Portugall

– Macao

Kumpanniji ta’ l-Ajru

Rappreżentazzjonijiet: Il-Portugall

– Malabo (il-Ginea Ekwatorjali)

Kumpanniji ta’ l-Ajru

Rappreżentazzjonijiet: Spanja

– Maputo (il-Możambik)

Kumpanniji ta’ l-Ajru

Rappreżentazzjonijiet: Il-Portugall

– Moska (ir-Russja)

Kumpanniji ta' l-Ajru

– Nador (il-Marokk)

Rappreżentazzjonijiet: Spanja

– Nairobi (il-Kenja)

Kumpanniji ta' l-Ajru

Rappreżentazzjonijiet: il-Ġermanja, Franza

– Peking (iċ-Ċina)

Kumpanniji ta' l-Ajru

Rappreżentazzjonijiet: Franza, Spanja

– Praia (il-Kap Verde)

Kumpanniji ta' l-Ajru

Rappreżentazzjonijiet: Il-Portugall

– Rabat (il-Marokk)

Kumpanniji ta' l-Ajru

Rappreżentazzjonijiet: Spanja

– Rio de Janeiro (il-Brażil)

Kumpanniji ta' l-Ajru

Rappreżentazzjonijiet: Il-Portugall

– S. Tomé (S. Tomé e Principe)
  Kumpanniji ta' l-Ajru
  Rappreżentazzjonijiet: Il-Portugall

– Sal (il-Kap Verde)
  Kumpanniji ta' l-Ajru
  Rappreżentazzjonijiet: Il-Portugall

– Sanaa (il-Jemen)
  Kumpanniji ta' l-Ajru

– Santo Domingo (ir-Repubblika Dominikana)
  Kumpanniji ta' l-Ajru
  Rappreżentazzjonijiet: Spanja

– Shangai (iċ-Ċina)
  Kumpanniji ta' l-Ajru
  Rappreżentazzjonijiet: Franza

– Skopje (Dik Li Qabel Kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja)
  Kumpanniji ta' l-Ajru

– Tangiers (il-Marokk)

Kumpanniji ta' l-Ajru

Kumpanniji tal-vapuri

Rappreżentazzjonijiet: Spanja

– Tetuan (il-Marokk)

Rappreżentazzjonijiet: Spanja

– Tirana (l-Albanija)

Kumpanniji ta' l-Ajru

– Tunis (it-Tuniżija)

Kumpanniji ta' l-Ajru

– Yaounde (il-Kamerun)

Kumpanniji ta' l-Ajru

Rappreżentazzjonijiet: Franza".